

## DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-17 ta' April 2013

### dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit ġeneralni tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, Taqsima V — il-Qorti tal-Audituri

(2013/546/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġeneralni tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011<sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 (COM(2012) 436 — C7-0228/2012)<sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Audituri dwar l-implementazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2011, flimkien mat-tweġibet tal-istituzzjonijiet<sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni<sup>(4)</sup> dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti pprovdu mill-Qorti tal-Audituri għas-sena finanzjarja 2011 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġeneralni tal-Komunitajiet Ewropej<sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġeneralni tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002<sup>(6)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 164, 165 u 166 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0092/2013),
1. Jagħi l-kwittanza lis-Segretarju ġenerali tal-Qorti tal-Audituri għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Qorti tal-Audituri għas-sena finanzjarja 2011;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
  3. Jagħi istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Audituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*

Martin SCHULZ

*Is-Segretarju ġenerali*

Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU L 68, 15.3.2011.

<sup>(2)</sup> ĠU C 348, 14.11.2012, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 344, 12.11.2012, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 348, 14.11.2012, p. 130.

<sup>(5)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.